



24.10.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0317/2012, imressqa minn Jurgen Brul, ta' ċittadinanza Olandiża, dwar l-installazzjoni ta' kameras għar-rivers fil-karozzi

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jargumenta favur l-installazzjoni obbligatorja ta' kameras għar-rivers fil-karozzi kollha tal-Unjoni Ewropea. Dan l-obbligu għandu japplika wkoll għall-vetturi militari kollha li jintużaw fuq toroq pubbliċi. Skont il-petizzjonant, ħafna inċidenti li jinkludu l-aktar lit-tfal u l-ġenituri tagħhom setgħu ġew evitati li kieku kamera għar-rivers kienet ġiet installata fil-vetturi.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-2 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni skont Artikolu 202(6).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012.

Il-petizzjonant jitlob għal installazzjoni obbligatorja ta' kameras għar-rivers fil-karozzi kollha tal-Unjoni Ewropea, bħalma hu l-każ fl-Istati Uniti.

L-ewwelnett, skont ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip stabbiliti fid-Direttiva 2007/46/KE dwar l-approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU L 263, 9.10.2007, p.1), il-vetturi kollha fl-UE għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir għal viżjoni indiretta, bħal sistemi ta' mirja jew kameras għar-rivers. Sistemi tal-kamera għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/97/KE kif emendata (OJ L 25, 29.1.2004, p. 1).

Għandu jiġi indikat ukoll li l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ddisinjati u konstruwiti għall-użu tal-forzi armati mhijiex obbligatorja fl-UE.

Barra minn hekk, id-disinn u d-daqs tal-vetturi, b'mod partikolari il-vetturi għall-użu privat, fl-UE huma differenti minn dawk użati fl-Istati Uniti. Għalhekk, il-kwistjonijiet marbuta mal-viżibilità għar-rivers huma differenti.

Fl-aħħar, il-bażi ta' dejta tal-inċidenti fit-toroq Ewropej, CARE, ma tipprovdix evidenza li dan it-tip ta' inċident jgħaliq problema partikolari fl-UE.

Konklużjoni

Leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip diġà tippermetti l-installazzjoni ta' kameras għar-rivers f'vetturi bħala mezz ta' viżjoni indiretta.

Fid-dawl tal-fatti ppreżentati hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-proposta għal kameras għar-rivers obligatorji għall-vetturi mhijiex meħtieġa f'dan il-mument.